MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Numru. 445/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**

**vs**

**Germann Cassar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Germann Cassar, iben missier mhux maghruf u Jane Cassar, imwieled fis-6 ta' Settembru 1973, Pieta' u residenti 4, Telghet B'Kara, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' numru 405873(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer, nhar il-15 ta’ April 2009, f’ xi hin bejn id-disgha u nofs (09.30hrs) u l-ghaxra u kwart ta’ filghodu (10.15hrs), gewwa Triq Lapsi, San Giljan :-

1. Ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, fosthom dokumenti personali, credit cards, cekkijiet u hwejjeg u kif ukoll flus kontanti fl-ammont ta’ elfejn u hames mitt Ewro (€2500) minn gewwa l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni UTD181, tal-ghamla BMW, ghad-dannu ta’ Abdel Karim Ahmad, liema serq huwa kwalifikat bil-‘mezz’, ‘valur’ u bix-‘xorta tal-haga misruqa.

2. Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni UTD181, tal-ghamla BMW, ghad-dannu ta’ Abdel Karim Ahmad, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 izda anqas minn €1164.69.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta’ Novembru 2009 (esebita a fol. 59 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-artikolu 261(b)(c)(g), 263(a), 264(1), 267, 271(g), 278 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2010, l-imputat ddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghhu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni UTD181 tal-marka BMW propjeta' ta' Abdel Karim liema serq sehh fil-15 ta' April 2009 ghall-habta tal-10.30am waqt li l-imsemmija vettura kienet parkeggjata fi Triq Lapsi, San Giljan. Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur is-Supretendent Martin Sammut[1] jirrizulta li l-Pulizija rcevew rapport fl-Ghassa ta' San Giljan minghand mara li nzertat ghaddejja mill-imsemmija triq li hija kienet rat ragel samrani ikisser hgiega ta' vettura u imbaghad ftit tal-hin wara ratu riekeb f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAU 782. Ftit tal-hin wara li dahal l-imsemmi rapport il-propjetarju ta' din il-vettura wkoll ghamel rapport l-Ghassa ta' San Giljan fejn qal li kien halla l-vettura tieghu parkeggjata fi Triq Lapsi, San Giljan sabiex imur fuq sit ta' kostruzzjoni u meta rega' lura sab il-vettura bit-tieqa mkissra u basket li kien hemm fuq is-seat ta' quddiem tal-vettura u li kellu diversi affarijiet fih bhal credit cards, hwejjeg u kartiera bi flus kontanti fl-ammont ta' €2,500 nieqes. Minn investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija rrizulta li l-vettura li kien dahal fiha r-ragel li deher ikisser il-hgiega tal-vettura kien l-imputat fil-kawza odjerna u meta l-Pulizija marru fir-residenza tieghu f'San Giljan stess huma ma sabuhx hemm izda hallew risposta mal-mara tieghu li xtaqu jkellmuh u fil-fatt ftit tal-hin wara huwa mar minn jeddu l-Ghassa fejn meta gie nterrogat ghall-ewwel innega li kellu x'jaqsam fis-serq mill-vettura in kwistjoni izda sussegwentement qal lil Pulizija li xtaq jikkopera u qalilhom li huwa kien kisser it-tieqa tal-BMW u ha l-basket li kien hemm fis-seat ta' quddiem izda meta imbaghad ma sab xejn li jghodd ghalih fil-basket mar u ddispona minnu u mill-kontenut tieghu fi bring in site li hemm San Gwann. Wara fil-fatt akkompanja lil Pulizija f'din il-bring in site u gie rkuprat il-basket u l-oggetti li kien hemm fih salv l-€2.500 kontanti li l-propjetarju qal li kellu fil-wallet. L-imputat cahad li huwa kien sab u sussegwentement ha dawn il-flus.[2]. Meta l-Pulizija regghat kelmet lil propjetarju tal-basket u nfurmatu li kien gie rkuprat kollox salv l-flus huwa vverifika ma martu jekk hija setghatx hadet xi flus mill-wallet tieghu qabel ma

[1] Li xehed waqt l-udjenza tas-17 ta' Lulju 2009.
[2] Ara stqarrija rilaxxjata mill-imputat u nserita a fol. 20 u 21 tal-atti processwali.

huwa hareg mid-dar izda wara nforma lil Pulizija li l-mara ma kinitx hadet flus mill-wallet u ghalhekk is-somma ta’ €2,500 kienet fil-wallet meta dan insteraq. Abdel Karim Ahmad izda qal lil Pulizija li huwa ma kienx interessat jipprocedi ulterjorment fil-konfronti tal-imputat ghaliex kien kuntent li kien irkupra il-basket bil-kontentut tieghu specjalment il-credit cards u l-hafna cekkijiet li kellu fil-basket[3]. L-imputat min-naha tieghu iffirma dikjarazzjoni li ma kellux oggezzjoni li l-oggetti rkuprati mill-bring in site jigu ritornati lil sidhom. Il-parti leza produca ricevuta li tindika li l-hsara fil-vettura tieghu kienet tammonta ghall-€745.60.[4]

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi kollha prodotti mill-partijiet f’dan il-kaz jirrizulta li l-kwistjoni kollha tirrivolvi dwar il-fatt jekk effettivament jissustix l-aggravju tal-valur minhabba li l-imputat ammetta kemm fl-istqarrija kif wkoll meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta Marzu 2010 li huwa kien ha l-basket mill-vettura tal-parti leza u kisser it-tieqa tal-vettura tieghu. L-unika haga li ma ammettix l-imputat u li ma hemmx qbil dwarha hija l-ammont ta’ €2,500 li l-parti leza sostna li kieku fil-wallet li izda ma nstabux mill-Pulizija meta gie rkuprat il-basket mill-post fejn kien iddispona minnu l-imputat, u cioe’ il-bring in site ta’ San Gwann, wara li qal li ma sab xejn jghodd ghalih fil-basket. L-imputat jghid li li kieku verament kien hemm il-flus fil-wallet u huwa hadhom huwa kien certament jiehu l-petrol ghall-vettura tieghu li kienet minghajr petrol u li ma kellux flus sabiex jimlija.

Il-Qorti wara li wiznet dak li qal il-parti leza u dak li qal l-imputat jidrilha li m’ghandha l-ebda raguni ‘il ghala tiddubita mill-kredibilta’ tal-parti leza dwar il-prezenza tal-flus fil-wallet tieghu u jidrilha inoltre li meta wiehed jikkunsidra li huwa irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat mill-bidu nett aktar u aktar ma tarax ‘il ghala m’ghandhiex temmen dak li qal dwar il-flus.

[3] Ara dikjarazzjoni f’ dan is-sens iffirmata minnu inserita a fol. 24 tal-process.
[4] Inserita a fol. 25 tal-process.

Il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-koperazzjoni tal-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn huwa mal-ewwel ammetta l-involviment tieghu u ha lil Pulizija fil-post fejn kien iddispona mir-res furtiva u ghalhekk din setghat tigi ritornata lil sidha. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li mill-provi prodotti mill-imputat jirrizuta li huwa kellu problema ta' abbuz mid-droga izda li huwa ha l-inizjattiva sabiex jeghleb din il-problema u jsib xoghol u ghalhekk jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi. L-imputazzjoni ta' hsara volontarja ser titqies li kienet mezz ghal fini tal-imputazzjoni ta' serq u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-4 ta' Novembru 2009 u senjatament l-Artikoli 17, 261(b)(c)(g), 263(a), 264(1), 267, 271(g), 278 u 279 u 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------